MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 773/2008

**Fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 644/2008 fl-ismijiet:**

**Avv. Kenneth Grima nomine**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores et**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Andrew Zammit fil-kwalita’ tieghu ta’ kunsinnatarju;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat ir-risposta tas-socjeta Trillion Limited;

Semghet id-didensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikorsi numru 755/08, 749/08 u 739/08 li gew trattati kontestwalment mal-presenti rikors;

Issir referenza specifika ghad-digriet tallum stess li nghata fl-imsemmi rikors numru 755/08 u dak kollu li gie premess u gie deciz fl-imsemmi digriet tallum ghandu japplika ghal presenti rikors. F'dan il-presenti rikors il-kunsinnararju qed jitlob li (1) jigi ordnat li l-procedura ta' "shut down," il-"handling" kif ukoll l-istivar ghal sit iehor tas-"servers" in kwestjoni tigi segwita ai termini tar-rapport ex parte ezibit u markat bhala document AZ1 u (2) fin-nuqqas tinnomina dawk l-esperti teknici f'dan il-kamp sabiex jirrelataw fuq il-procedura li ghandha tigi adottata u implimentata sabiex is-servers jigu "shut down", "handled" kif ukoll stivati ghal sit iehor minghajr ma jgarrbu l-ebda hsara fisika jew teknika u dana kollu ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 292(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-imsemmi digriet tallum mghoti fir-rikors numru 755/08 gie provdut, fost affarijiet ohra, billi r-rikorrenti l-Avukat Dottor Andrew Zammit gie konfermat bhala kunsinnatarju u dana fil-fakoltajiet u obbligi kollha skond il-ligi u billi gie ordnat li l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda ssir jew billi fisikament l-istess oggetti jitnehhew minn fejn jinsabu u jitpoggew f'sit iehor li jghazel il-kunsinnatarju jew billi l-oggetti jibqghu fejn huma u l-istess "servers" jigu "switched off." Gie ordnat ukoll li, fi kwalunkwe kaz, l-oggetti maqbuda ghandhom jibqghu l-hin kollu taht il-kontroll tal-kunsinnatarju. Inoltre gie ordnat li l-kunsinnatarju ghandu jiehu il-prekawzjonijiet kollha sabiex l-oggetti in kwestjoni ma jiddeterjorawx fil-kondizzjoni taghhom u izommu, kemm jista jkun, il-valur taghhom. F'dan ir-rigward il-kunsinnatarju, jekk ihoss il-bzonn, jista

jitlob li jigi assistit minn esperti **indipendenti** sabiex jigi assikurat li bl-elevazzjoni, issir kif issir, ma jsirx hsara, ta' kwalunkwe natura, lill-istess servers;

Ghalhekk tipprovdi dwar il-presenti rikors fit-termini ta' dak kollu li ntqal fil-paragrafu precedenti;

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------